**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 486/2014**

**Illum: 25 ta' Settembru, 2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Stefano Melilli**
**(ID 84024(A))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Stefano Melilli ta' 30 sena, iben Giuseppe u Lucia Lo Presti, imwieled Ragusa, Sqallija fit-22 ta' Novembru 1983, minghajr indirizz f'Malta, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 84024(A) u passaport Taljan numru YA3570190;

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fl-14 ta' Ottubru 2014 u fil-jiem ta' qabel din id-data:

1. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Aktar talli fl-istess data, hin u lok, xjentement issoprima jew b'xi mod iehor qered jew biddel it-tracci jew l-indizji ta' reat.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat ukoll illi l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Illi l-fatti saljenti li taw lok ghal dan il-kaz m'humiex ikkontestati. Jirrizulta illi nhar l-14 ta' Ottubru 2014, l-imputat kien jinsab gewwa fond f'Birkirkara, liema fond kien mikri minn certu Charles Grech lil zijuh, certu Sandro Lo Presti li, xi jiem qabel kien gie arrestat gewwa l-Italja. L-imputat, li gej u sejjer bejn Malta u l-Italja minhabba n-natura tax-xoghol tieghu, kien jinsab Malta ghal ragunijiet ta' xoghol u anke ghaliex nanntu ossia omm Lo Presti kienet talbitu biex jiehu lura mieghu xi hwejjeg ta' zijuh. Ghalhekk, fil-jum in kwistjoni, wara li l-imputat filghodu attenda ghal xi appuntamenti li huwa kellu in konnessjoni max-xoghol tieghu, huwa mar gewwa dan l-appartament – li huwa jghid li kien joqghod fih ma' zijuh meta kien jigi Malta – u beda jigbor il-hwejjeg ta' zijuh, fil-waqt illi fl-istess hin beda jisbarazza l-istess fond, anke ghaliex skond hu, la darba zijuh ma kienx ser jibqa' jaghmel uzu minnu, huwa xtaq jirritornah lura lis-sid u ghalhekk ried jirritorna l-fond fi stat tajjeb jew nadif. Fil-waqt li kien qed jigbor l-affarijiet ta' zijuh u hekk kif mar fil-kcina sabiex jaghmel kafe`, mill-gradenza huwa xamm certu riha u hekk kif beda jfittex, f'kontenitur sab il-*cannabis,* liema *cannabis* huwa remiha flimkien ma' numru ta' oggetti ohrajn li huwa jiddeskrivihom bhala '*cibio marcio e vestiti sporchi e altre cose personali di mio zio che non erano piu`*

*buoni*'[1]. Fil-kamra ta' zijuh, huwa sab ukoll xi siringi, liema siringi huwa remihom ukoll u rema wkoll oggetti ohrajn appartenenti lil zijuh, inkluz xi djarji, karti u notamenti u oggetti ohrajn deskritti minn PS 364 fix-xhieda tieghu. Ghall-habta tal-5.15 p.m., wara li sid il-fond kien talab lill-pulizija sabiex jassistuh biex jidhol fil-fond ghaliex huwa beza' li fih seta' kien hemm xi oggetti relatati mad-droga u dan wara li sema' li l-inkwilin kien gie arrestat in konnessjoni ma' droga, pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga akkumpanjaw lis-sid gewwa l-istess fond, fejn sabu lill-imputat odjern. Hekk kif huma nfurmawh li kienu ser jaghmlu tfittxija fil-fond, l-imputat mill-ewwel infurmahom li kien sab xi droga u wriehom fejn kien remiha.

Sussegwentement, l-imputat gie akkuzat bir-reat ta' pussess illegali jew semplici tal-pjanta tal-*cannabis*, kif ukoll talli ssoprima jew b'xi mod iehor qered jew bidel it-tracci jew l-indizji ta' reat.

<u>L-ewwel imputazzjoni: pussess illegali tal-pjanta tal-*cannabis*</u>

Illi m'huwiex ikkontestat mid-difiza illi s-sustanza misjuba fil-fond in kwistjoni kienet fil-fatt il-pjanta tal-*cannabis*.[2] PS 364 David Borg, fix-xhieda tieghu, jghid illi minn *garbage bag* li kien jinsab fil-kcina, gew elevati zewg boroz b'sustanza suspettata pjanta tal-*cannabis* u li apparti dan, instab ukoll basket kbir li kellu riha qawwija hafna ta' *cannabis grass* go fih, liema basket gie elevat ukoll.[3] Fl-istqarrija rilaxxjata minnu[4], wara li nghata s-solita twissija, kif ukoll wara li ghazel li ma jezercitax id-dritt tieghu li jiehu parir legali qabel l-interrogatorju tieghu, l-imputat jghid illi waqt li kien qed jisbarazza l-kamra ta' zijuh, "*sono andato a farmi un caffe in cucina e c era questa puzza quando ho aperto la gredenza ho sentito l'odore del cannabis cosi cercando dentro i vari contenitori aprendone uno ho trovato quella che ho detto hai poliziotti e lo buttata via con l imondizzia lasciandalo a casa con le altre cose che ho buttato via di Sandro fra cibio marcio e vistiti sporchi e altre cose personali di mio zio che non erano piu buoni*".[5] Jghid li ghalkemm kien jaf li zijuh kien jabbuza mill-eroina, madankollu qatt ma kien rah ipejjep il-*cannabis* jew jabbuza xi tip ta' droga ohra fil-presenza tieghu u in oltre ma tantx kien iqatta' hin mieghu meta kien ikun Malta, ghaliex hu kien jigi ghal skopijiet ta' xoghol.

---

[1] Ara l-istqarrija tal-imputat, a fol. 14 tal-process.
[2] Ara l-verbal a fol. 17 tal-process.
[3] A fol. 25 u 26 tal-process. Skond in-notamenti esebiti mill-istess xhud, dan il-basket kien fih tracci ta' *cannabis grass* (a fol. 29).
[4] Din tinsab esebita a fol. 13 *et seq* tal-process.
[5] A fol. 14 tal-process.

Fix-xhieda tieghu matul dawn il-proceduri[6], l-imputat ikkonferma l-kontenut tal-istqarrija tieghu u qal illi xi l-11.00 a.m., huwa dahal id-dar u x'hin fetah il-gradenza biex jaghmel kafe`, bejn il-kafe` u z-zokkor xamm certa riha u sab il-haxixa. Qal li huwa qabad u remiha fiz-zibel. Qal ukoll illi huwa rema hafna affarijiet ohrajn li kienu hziena, ghaliex ried icempel lil sid l-appartament biex jirritornalu l-istess fond. Li l-imputat ried jirritorna lura l-fond lis-sid gie kkonfermat minn SM 300 Alfred Abela[7] ossia r-ragel tat-tifla tas-sid.

In kontro-ezami, l-Ispettur Malcolm Bondin ikkonferma illi d-droga in kwistjoni ma kinitx tal-imputat odjern u jghid ukoll illi l-imputazzjonijiet huma bazati fuq il-fatt illi meta l-imputat sab din id-droga huwa qabad u remiha.[8]

Fis-sottomissjonijiet taghha, il-Prosekuzzjoni ssostni li l-imputat ghandu jinstab hati tal-pussess tal-pjanta *cannabis*, kif ukoll tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu, ghaliex meta l-imputat sab id-droga, huwa ma halliex kollox kif kien u nforma b'dan kollu lill-awtoritajiet jew lil WPS 215 Valerie Farrugia li maghha kien miftiehem biex jitlaqa' izjed tard, izda minflok, huwa qabad u remiha. Da parti taghha, id-difiza tissottometti illi hawnhekk si tratta ta' delitt u li ghalhekk m'huwiex necessarju biss ghall-Prosekuzzjoni li tipprova l-element materjali tar-reat, izda jrid jissussisti wkoll l-element formali li, f'dan il-kaz skond id-difiza, huwa nieqes.

Jibda biex jinghad illi l-Qorti kellha l-opportunita` li tisma' lill-imputat jixhed quddiemha u ghalhekk setghet tifli l-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda u tista' tghid li l-imputat deher genwin fid-deposizzjoni tieghu.

Dwar l-elementi tal-pussess ghal fini tal-ligi dwar id-droga, fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs John Borg</u>** fit-23 ta' Gunju 1997, intqal hekk:

"*Dwar x'jammonta ghal <u>pussess</u> ghall-finijiet tal-ligi in dizamina, din il-Qorti diga` kellha l-opportunita` li telabora dwaru fis-sentenza taghha tal-21 ta' Ottubru, 1996, fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan. F'dik is-sentenza din il-Qorti osservat li <u>l-presenza</u> ta' oggett f'post (dar, karozza, kamra, ecc.) li fuqu persuna ghandha <u>xi forma ta' kontroll</u> tista', taht certi cirkustanzi, tammonta ghal <u>pussess</u> ta' dak l-oggett; u jekk dak l-oggett jirrisulta bhala fatt li hu droga li taqa' taht il-Kap. 101, allura l-ligi tippresumi, salv prova*

---

[6] A fol. 44 *et seq* tal-process.
[7] A fol. 65 tal-process.
[8] A fol. 11 tal-process.

*kuntrarja imqar fuq bazi ta' probabilita`, li l-pussessur kien jaf li dak l-oggett kienet droga (ara wkoll P. v. Charles Clifton, App. Krim., 5 ta' Lulju, 1982).*"

In oltre fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Maizuki Hachemi Beya, bint Abdellatif** tas-16 ta' Frar, 1998 inghad hekk:

"*Il-ligi taghna, kemm ghal dak li jirrigwarda l-pussess kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-importazzjoni ta' droga, ma tuzax il-kelma xjentement", fi kliem iehor il-ligi titkellem dwar minn "ikollu fil-pussess tieghu" (artikolu 8(a)(c), Kap 101) "ikun fil-pussess" (regola 8, A.L. 292/1939), "jimporta" (artikolu 15A (1), Kap 101) u mhux dwar min "xjentement ikollu fil-pussess tieghu", "xjentement ikun fil-pussess" jew "xjentement jimporta". Ghalkemm il-legislatur f'dawn id-disposizzjonijiet ma juzax il-kelma "xjentement", hu evidenti li hawn si tratta ta' reati doluzi u mhux semplicement ta' reati kolpuzi. Il-legislatur ma riedx jikkolpixxi lil min, per ezempju, ad insaputa tieghu jitqieghdlu xi droga fil-bagalja tieghu u dan jibqa' diehel biha f'Malta. Mill-banda l-ohra, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 26(1) tal-Kap. 101, persuna li tkun fil-pussess ta' droga jew li tkun dahhlet droga f'Malta hi presunta li kienet fil-pussess jew dahhlitha xjentement, jigifieri li kienet taf bl-ezistenza ta' dak l-oggett, li dak l-oggett hu droga, u ghalhekk li kienet taf li kienet fil-pussess jew li kienet qed iddahhal id-droga, salv prova (imqar fuq bazi ta' probabbilita`) kuntrarja, u salv il-limitazzjoni ghal tali prova skond l-artikolu 26(2) ta' l-imsemmi artikolu 26 (ara, f'dan is-sens, is-segwenti sentenzi: P vs Charles Clifton, 5/7/82, P vs Martin Xuereb, 20/9/96, P vs Seiffedine Mohamed Marshan, 21/10/96, u P vs John Borg, 23/6/97, kollha appelli kriminali).*"

Fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kif diversament presjeduta, fis-27 ta' April 2006, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Keith Stagno Navarro**, l-appellant kien gie akkuzat bir-reat ta' pussess aggravat ta' droga kokaina, u dan wara li l-Pulizija, waqt tfittxija li saret gewwa l-Kazin tal-Banda ta' Stella Maris, f'Tas-Sliema, f'kexxun f'kamra li tigi wara l-*bar*, sabu madwar ghaxart iqratas li kien fihom trab suspettat droga kokaina. Fis-sentenza taghha, l-istess Qorti qalet hekk:-

"*Illi ma hemmx dubju li d-droga kokajina nstabet f'post li kien jaqa' taht il-kontroll effettiv tal-imputat, pero` dan mhux bizzejjed biex jirrizulta pruvat ir-reat in dizamina w jrid ukoll jirrizulta l-element tax-<u>xjenza</u> li f'dan il-post kien hemm id-droga. Din trid tirrizulta jew mic-cirkostanzi jew minn xi ammissjoni da parti tal-persuna akkuzata. Dan ghaliex mhux eskluz li f'post li fuqu persuna jista' jkollha l-kontroll anki esklussiv, li persuna ohra, ad insaputa tal-persuna li jkollha l-kontroll, tkun poggiet jew hbiet xi droga jew sustanza illecita. Hekk per ezempju wiehed jista' jkollu kontroll effettiv u esklussiv fuq karozza ipparkjatha registrata*

*fuq ismu imma ma jkunx jaf li xi hadd, ad insaputa tieghu, ikun tefghalu nitfa droga mix-xaqq tat-tieqa miftuha, biex forsi jinkriminah. L-istess missier li ghandu l-kontroll fuq ir-residenza tieghu ma jistax jinstab hati ta' pussess ta' droga jekk per ezempju ad insaputa tieghu, wiehed minn uliedu li jghix mieghu jkun dahhal droga u hbieha jew zammha f'daru. Ghalhekk mhux bizzejjed li jigi pruvat il-kontroll effettiv jew sahansitra esklussiv fuq xi post, imma jrid jigi pruvat, sal-grad tac-certezza morali, l-element tas-scienter, cioe` li jkun konsapevoli li f'dak il-post li jaqa' taht il-kontroll tieghu attwalment hemm id-droga.*"

Dan il-kaz, madankollu, fil-fehma tal-Qorti, imur oltre mic-cirkostanzi li kellha quddiemha l-Qorti fil-kazijiet hawn fuq citati. F'dawk it-tliet kazijiet, il-kwistjoni kollha kienet jekk l-imputat jew appellant kellux dik ix-xjenza li trid il-ligi, li fil-post fejn instabet id-droga – post li fuqu huwa kellu l-kontroll effettiv - kien hemm din id-droga. F'dan il-kaz, ghalkemm fil-jum in kwistjoni, l-imputat kellu l-kontroll effettiv tal-fond in kwistjoni, ma jirrizulta bl-ebda mod mill-provi illi sakemm huwa sab id-droga fil-kcina, huwa kien jaf li hemmhekk kien hemm xi sustanza illecita. Veru illi l-imputat kien jaf li zijuh jabbuza mill-eroina, izda dan ma jfissirx li huwa kien jaf li fil-fond kien hemm xi droga. Anzi fl-istqarrija tieghu, huwa jghid illi huwa qatt ma ra lil zijuh jabbuza minn xi droga jew ipejjep il-*cannabis* quddiemu jew fil-presenza tieghu. Jirrizulta wkoll illi l-imputat akkwista dik ix-xjenza dwar id-droga fil-fond, hekk kif huwa sabha fil-gradenza tal-kcina, hekk kif kien qed jaghmel kafe`. Kien f'dan il-mument, li l-imputat akkwista l-pussess materjali u fiziku tad-droga in kwistjoni u x-xjenza dwarha. Skond il-Prosekuzzjoni, il-fatt li f'dak il-mument, l-imputat qabad id-droga u remiha jammonta ghall-pussess semplici tal-istess droga. Izda huwa dan il-pussess li l-ligi trid tippunixxi? Bl-istess ragunament u fuq l-istess binarji, ghandha tigi akkuzata u tinstab hatja ta' pussess illegali ta' droga, l-omm li waqt li qed tnaddaf il-kamra ta' binha, issib il-*cannabis* mohbija f'xi kexxun u tarmiha proprju ghaliex taf x'inhi? M'hijiex din azzjoni ragjonevoli? Meta wiehed jigi fil-pussess tad-droga f'dawn ic-cirkostanzi u cioe` tista' tghid minghajr hsieb, ghalkemm huwa minnu li f'dak il-mument huwa jakkwista kemm il-pussess materjali, kif ukoll ix-xjenza dwar dik id-droga, ma jistax jinghad li huwa ghandu l-volonta` jew l-intenzjoni li jippossjedi dik is-sustanza illegali ghall-iskopijiet li trid tippunixxi l-ligi ossia l-uzu tal-istess droga ghall-konsum jew spacc tal-istess – u fil-kaz odjern dan jirrizulta bl-izjed mod car mill-fatt illi l-imputat rema din id-droga minnufih. F'cirkostanzi normali, dik l-intenzjoni tigi prezunta kemm mill-pussess materjali jew kostruttiv tas-sustanza in kwistjoni, kif ukoll mix-xjenza ta' tali pussess, izda fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz odjern, din certament li ma tirrizultax. Anzi l-provi juru proprju l-kuntrarju. Il-Magistrat li jkollu l-pussess materjali ta' sustanza illecita u anke x-xjenza li dik is-sustanza hija tali, waqt li qed jifli l-istess fil-

perkors ta' xoghlu, ma jistax jinghad illi jippossjedi d-droga bl-intenzjoni li trid tissanzjona l-ligi.  L-istess jinghad fir-rigward tal-pulizija li jelevaw id-droga waqt ix-xoghol taghhom u anke jesebuha waqt il-proceduri, kif ukoll ghall-esperti nominati mill-Qorti sabiex janalizzaw l-istess.

Ghaldaqstant, f'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata.

Permezz tat-tieni imputazzjoni, l-imputat imbaghad gie akkuzat ukoll talli xjentement issoprima jew b'xi mod iehor qered jew biddel it-tracci jew l-indizji ta' reat u dan ukoll, skond il-Prosekuzzjoni, ghaliex appena l-imputat sab id-droga in kwistjoni, huwa qabad u remiha.

Kif jghid il-Professur Mamo fin-noti tieghu[9], fir-rigward ta' dan ir-reat:

"*... such suppression, etc. must be done knowingly that is to say that the agent must have full consciousness that an offence has been committed – whether or not he knows who is the particular offender – and he does the act not by mistake or ignorance or through negligence but intentionally to obstruct or frustrate the action of justice*" [sottolinear tal-Qorti].

Mill-provi prodotti, il-Qorti ma tistax tasal lil hinn minn kull dubju ragjonevoli illi fil-fatt din kienet l-intenzjoni tal-imputat. Fl-ewwel lok, kif diga` inghad, il-Qorti semghet ix-xhieda tal-imputat li baqa' konsistenti fid-deposizzjoni tieghu u deher ukoll genwin.  Fit-tieni lok, il-Qorti tosserva wkoll illi mill-ewwel deposizzjoni tal-Ufficjal Prosekutur, jidher illi anke l-istess Prosekuzzjoni emmnet il-verzjoni tal-imputat u dan fis-sens illi huwa kien mar fil-fond de quo, fl-ewwel lok ghaliex nanntu kienet talbitu biex itella' xi hwejjeg lil zijuh gewwa l-Italja u fit-tieni lok, illi huwa kien qieghed jisbarazza l-fond ghaliex xtaq jirritornah lura lis-sid fi stat tajjeb[10] u dan apparti li l-istess Ufficjal Prosekutur jghid li meta l-pulizija dahlu fil-fond, l-imputat "*laqaghhom u kkopera maghhom bis-shih*" – reazzjoni din li ma tistennihiex minn persuna li l-intenzjoni tieghu kienet li jissoprimi xi evidenza u li fuqu jidhlu l-pulizija proprju ftit tal-hin wara li kien ghadu kif rema l-oggetti in kwistjoni.  Fl-istess xhieda tieghu, l-Ispettur Bondin jghid ukoll illi kien l-imputat stess li indika lill-pulizija fejn kien rema d-droga u s-siringi ftit tal-hin qabel u skond l-istess xhud, fir-rigward tas-siringi "*biex ma jwegga' hadd*".[11]  Anke PS 364 David Borg li kien prezenti ghal din it-tfittxija jghid hekk: "*Stefano minn*

---

[9] *Notes on Criminal Law*, it-Tieni Volum, pg. 79.
[10] Ara x-xhieda tal-Ispettur Malcolm Bondin, a fol. 8 tal-process.
[11] A fol. 9 tal-process.

*jeddu qalilna li kien qed jippakkja l-affarijiet ghall-kugin tieghu, ghal certu Sandro u qalilna wkoll li kien sab xi affarijiet illegali u rema kollox goz-zibel.*"[12] Dan gie wkoll ikkonfermat minn SM 300 Alfred Abela, li wkoll kien prezenti fl-imsemmi fond flimkien mal-pulizija li ghamlu t-tfittxija li, fix-xhieda tieghu jghid hekk: "*Kif il-pulizija ser jibdew jaghmlu s-search, dan dar fuqna u qalilna isma intom qed tfittxu 'la roba, la droga?' U ahna ghidnilu iva. Qalilna jien kont qed nisbarazza l-kcina u hekk u sibt xi affarijiet u rmejt kollox u hemm id-dustbins jigifieri tistghu tfittxu fid-dustbins. Fil-fatt morna fil-kcina ... u kien hemm xi 3 boroz taz-zibel u indikalna li fihom kien rema l-affarijiet u Stefano lilna spjegalna li meta dan kien qieghed hemm hekk qed jippakkja l-affarijiet, per ezempju fetah biex jaghmel xi ftit kafe ... beda jsib kollox maqtugh u ... beda jarmi kull ma jigi f'idejh u fil-fatt kien sab xi affarijiet u remiehom ukoll ... dan qalli jien kif sibt dan il-hmieg kollu speci bdejt nisbarazza kollox ... ried jaghtina l-post lura u anke wara li nqala' li nqala' u ghamel xi zmien arrestat ... wara li gie rilaxxjat imbaghad, anke rega' mar il-post inaddaf u zbarazza kollox u tana c-cwievet u tana l-post pupilla*".[13] Dan jikkorrabora wkoll dak li qal l-imputat fl-istqarrija tieghu fir-rigward tad-droga misjuba ossia illi "*lo indicato io in quale sacchi erano alla polizia*".[14]

Il-Qorti tikkunsidra illi apparti li l-imputat kien jinsab f'Malta fuq xoghol, jirrizulta car li l-intenzjoni tieghu kienet li jiehu xi oggetti lura ghal zijuh u fit-tieni lok illi jerga' jirritorna lura l-appartament lil sidu qabel it-tluq tieghu minn Malta. Il-fatt li l-imputat ikkopera u kien hu stess li mill-ewwel indika lill-pulizija li kien sab id-droga u fejn kien remiha juri li l-imputat ma kellux l-intenzjoni li trid il-ligi. Anzi fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid illi x'hin dahlu erba' min-nies pajzana fil-fond, ghall-ewwel inkwieta, izda meta qalulu li kienu pulizija, ikkalma.[15] Mhux biss, izda ghalkemm l-imputat kien konxju mill-fatt illi dik li sab kienet sustanza illegali u ghalhekk li zijuh kien ikkommetta reat, huwa rema din id-droga meta kien ukoll konxju mill-fatt li kien ser jirritorna l-fond lura lil sidu imminentement u fil-fehma tal-Qorti, dan juri sempliciment li l-imputat ma riedx iregga' lura l-fond b'oggetti li kien jaf li huma llegali. Veru illi l-imputat seta' halla kollox fejn kien u nforma b'dan lill-pulizija, izda n-nuqqas tieghu li jirrapporta din is-sejba – meta bil-ligi m'ghandux dan l-obbligu – ma jissarrafx necessarjament f'dik l-intenzjoni li trid il-ligi. L-imputat seta' facilment iddispona mill-oggetti misjuba b'mod izjed finali u cioe` billi ddistruggihom, izda minflok remihom fil-*garbage bags* ma' numru ta' oggetti ohrajn li rema wkoll. Li jwassal lill-Qorti ghall-punt iehor – l-imputat ma remiex biss id-droga jew id-djarji li jsemmi l-Ufficjal Prosekutur fix-xhieda tieghu,

[12] A fol. 25 tal-process.
[13] A fol. 64 u 65 tal-process.
[14] A fol. 15 tal-process.
[15] A fol. 51 tal-process.

f'liema kaz allura wiehed seta' jghid illi l-intenzjoni tal-imputat kienet li jiddisponi specifikatament minn dawn l-oggetti, izda rema numru ta' oggetti ohrajn. Biss biss fix-xhieda tieghu, ghalkemm ma kienx prezenti, l-Ispettur Bondin jghid li kien hemm xi tmien *garbage bags* jew izjed, SM 300 Alfred Abela jghid li kien hemm xi tliet boroz taz-zibel li fihom l-imputat indika li kien rema l-affarijiet u dan b'referenza ghall-oggetti li gew elevati, PS 364 David Borg isemmi tliet *garbage bags* li fihom instabu l-oggetti elevati mill-pulizija u fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid illi huwa uza xi ghaxar boroz. Fir-rigward tad-djarji li gew mormija mill-imputat, imbaghad, ghalkemm huwa minnu li djarju minnhom fih hafna notamenti bil-kliem 'erba' u 'fumo', liema notamenti jindikaw pizijiet, ammonti ta' flus u ismijiet ta' nies, instab ukoll djarju iehor mormi li apparti xi notamenti simili ghal dawk imsemmija izjed 'il fuq (li madankollu wiehed irid joqghod iqalleb pagna pagna biex isibhom), fil-maggor parti tieghu jidher li huwa relatat max-xoghol li kien jaghmel zijuh (skond l-imputat, xoghol ta' gypsum) u nstabu wkoll mormija xi notamenti ohrajn u karti li ma jidhirx li kienu suspettuzi jew li kienu jikkontjenu xi informazzjoni suspettuza. Dan fil-fehma tal-Qorti juri bl-izjed mod car kemm kien tassew minnu illi l-intenzjoni tal-imputat kienet li jnaddaf il-fond biex jirritornah lura lis-sid u mhux li jissoprimi xi evidenza. Dak li nghad mill-Qorti fil-kunsiderazzjonijiet taghha dwar id-droga, japplika bl-istess mod ghad-djarji. L-imputat mill-ewwel indika lill-pulizija fejn kienet id-droga li jfisser li idderigihom ukoll ghad-djarji msemmija. Huwa kkopera ferm mal-pulizija, u fl-istqarrija tieghu, anke meta l-Ufficjal Investigatur staqsieh dwar persuni ohrajn li seta' kien jaf zijuh, huwa ma jidhirx li qaghad lura milli jghidlu b'dak li kien jaf, ghalkemm huwa jghid li ma kienx jaf li zijuh kien ibiegh id-droga f'Malta ghaliex quddiemu qatt m'ghamel dawn l-affarijiet. Dan kollu fil-fehma tal-Qorti juri kemm fil-fatt l-imputat ma kellux l-intenzjoni li jiffrustra l-amministrazzjoni tal-gustizzja. Il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha ghalfejn tidhol fil-kwistjoni dwar x'kien ser jghid jew ma jghidx l-imputat lil WPS 215 Valerie Farrugia dwar is-sejba tieghu. Jidher madankollu, li l-imputat ried ikellimha dwar zijuh. Jekk kienx ser jghidilha o meno dwar din is-sejba tieghu ma jistax jigi korroborat minn xi provi ohra apparti x-xhieda tal-imputat inniffsu, ghaliex l-inkontru kien ghadu ma sehhx, biss l-istess WPS 215 tikkonferma fix-xhieda taghha, illi ghalkemm kienet ilha taf lill-imputat xi hames snin, f'dan iz-zmien huwa qatt ma kien cemplilha biex jiltaqghu u jmorru jieklu flimkien. Li jfisser li l-imputat kellu xi raguni specifika ghaliex ried jiltaqa' max-xhud. Biss kienet x'kienet ir-raguni ghaliex l-imputat ried jiltaqa' ma' WPS 215, kif inghad, mic-cirkostanzi tal-kaz u ghar-ragunijiet hawn fuq indikati, il-Qorti ma tqisx illi tista' tasal ghall-konvinciment morali illi l-imputat kellu l-intenzjoni li trid il-ligi, sabiex tista' ssib htija fih dwar ir-reat ikkontemplat fit-tieni imputazzjoni.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx sodisfacentement u fil-grad rikjest mil-ligi, it-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qed tilliberah minnhom.

Tordna r-rilaxx tad-djarji esebiti *animo ritirandi* bhala Dok. MB4 lill-Ufficjal Prosekutur sabiex jissokta bl-investigazzjonijiet tieghu.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oggetti relatati mal-uzu tad-droga esebiti bhala Dok. MB, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni. Dan sakemm fi zmien gimgha mil-lum, l-Ufficjal Prosekutur ma jinformax lil din il-Qorti, permezz ta' nota, illi huwa necessarju illi din id-droga tigi prezervata ghal skop ta' xi proceduri ohrajn jew investigazzjoni fil-konfront ta' terzi, b'dan illi f'dan il-kaz, ir-Registratur ghandu jirrapporta lil din il-Qorti, b'verbal, meta din id-droga tkun giet hekk distrutta.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat